



Aġenzja Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



ESENER

L-ESENER - Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti

Fehim ta' kif il-postijiet tax-xogħol fl-ewropa kollha jiġġestixxu s-saħħa u s-sigurtà

L-ESENER huwa stħarriġ estensiv li jħares lejn kif il-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa kollha jiġġestixxu s-sigurtà u s-saħħa fil-prattika. L-istħarriġ jistaqsi eluf ta' organizzazzjonijiet fi 30 pajjiż Ewropew dwar ir-riskji għas-sigurtà u s-saħħa, inklużi r-riskji psikosozjali, u kif dawn jiġu ġestiti, b'enfasi speċjali fuq l-involvement tal-impjegati fil-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH). L-istħarriġ għandu l-għan li jitwettaq f'intervalli ta' madwar ħames snin, l-ewwel wieħed fl-2009, biex jinżamm rekord tax-xejriet u jkun jista' jsir tqabbil matul iż-żmien.

Id-data mill-istħarriġ tgħin biex jimtlew il-lakuni fl-għarfien tal-komunità tal-OSH dwar il-prattiki ta' ġestjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol Ewropej, kif ukoll l-ixprunaturi u l-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjaw. L-istħarriġ huwa segwit minn analiżijiet sekondarji tad-data, li jinvolvu studji fil-fond dwar suġġetti speċifiċi, bħall-istress u l-fastidju relatati max-xogħol, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, u l-ġestjoni tal-OSH, fost l-oħrajn.



Għaliex għandha tintuża d-data tal-ESENER?


Id-data miġbura mill-ESENER tkopri l-intrapriżi fl-erba' klassijiet ta' daqs tan-negozju u kważi s-setturi kollha tal-attività (inklużi l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, kif ukoll l-amministrazzjoni pubblika). Is-sejbiet tal-ESENER jittgħu dawl fuq oqsma mhux esplorati biżżejjed u dejjem aktar importanti li r-riċerkaturi, dawk li jfasslu l-politika u l-professionisti tal-OSH jeħtieġ li jkunu konxji dwarhom. Huma ta' valur partikolari biex jiġi infurmat il-qafas strateġiku tal-UE dwar l-OSH u biex jiġi żgurat li jibqa' aġġornat.

Ir-riżultati tal-ESENER jistgħu jgħinu lir-riċerkaturi u lil dawk li jfasslu l-politika biex jżviluppaw strateġiji għall-ġestjoni ta' riskji ġodda u emerġenti fuq il-post tax-xogħol mhux biss fil-livell tal-UE iżda wkoll fil-livell nazzjonali; fl-Istati Membri, id-data tal-ESENER tikkomplimenta l-informazzjoni minn s'tħarrigiet nazzjonali, filwaqt li toħloq stampa sħiħa tal-kwistjonijiet tal-OSH u tippermetti l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali effettivi. Id-data tagħti wkoll kontribut importanti lill-bażi ta' evidenza dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

L-ESENER jipprovdi stampa komprensiva ta' kif is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jiġu ġestiti fil-prattika fl-Ewropa kollha. Id-dashboard interattiv tal-istħarriġ jippermetti li s-sejbiet jiġu esplorati malajr u faċilment.

Kif tista' tiġi aċċessata d-data tal-ESENER?

Id-data miġbura mill-ESENER tiġi analizzata f'diversi rapporti u sommarji u tiġi ppreżentata wkoll online b'25 lingwa bl-użu ta' dashboard interattiv. Din l-għodda tippermetti lil kulħadd jaċċessa l-informazzjoni, permezz ta' mistoqsija ta' s'tħarriġ, u jgħabbel ir-riżultati għal pajjiż ta' interess mal-medja tal-UE jew ma' pajjiżi oħra. Id-data tista' tintuża wkoll biex jiġu identifikati r-riskji emerġenti skont id-daq tal-pajjiż, tas-settur u tal-istabbiliment. Id-data tista' tiġi viżwalizzata faċilment u ċ-charts jistgħu jitniżżlu u jiġu kondiviżi. L-ESENER sħiħ huwa disponibbli wkoll biex jitniżżel.



<https://esener.eu>

©L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2023. Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm jiġi rikonoxxut is-sors. Għar-riproduzzjoni jew l-użu tal-istampa ta' quddiem, ind jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-dritt tal-awtur Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.



ESENER